MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 581/2010

**Johann Said**
**vs**
**E.L.V. Engineering Services Limited (C-18028)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tliet elef u tliet mitt ewro (€3,300) rapprezentanti spejjez illi l-attur ha jinkorri ghal xoghlijiet rimedjali wara lix-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta' konvenuta ma kienux ta' livell kif jixraq u ma gewx ezegwiti skont is-sengha u l-arti u li qatt ma gew irrangati.

Illi l-attur kien ingagga lis-socjeta' konvenuta sabiex tinstalla sistema ta' sigurta' li kienet tinkludi fost ohrajn sistema ta' *cameras*, *video recorders* u *intercoms* fid-dar ta' abitazzjoni tieghu u li ta' dawn ix-xoghlijiet l-attur kien hallas elf mija hamsa u sittin ewro (€1165) akkont tal-ordni tax-xoghlijiet. Illi l-attur kien interpella s-socjeta' konvenuta sabiex tersaq ghax-xoghlijiet rimedjali, kif obbligat ruhha

taghmel, pero' din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-esponenti sofra danni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess ghar-ragunijiet segwenti:

Fl-ewwel lok, giet intavolata merament bhala konsegwenza tal-proceduri (avviz numru 917/09) ntavolati quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u ghalhekk hija ghal kollox vessatorja, fi kwalunkwe' kaz din il-kawza ghandha tigi mismugha kontestwalment ma' dik bin-numru 917/09MK.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol ezegwit mis-socjeta' konvenuta tlett snin ilu gie hekk ezegwit skont is-sengha w l-arti, dik tal-attur hija biss allegazzjoni infondata li qieghda tigi proposta issa li s-socjeta' konvenuta pprocediet gudizzjarjament ghall-hlas bilancjali lilha dovut in konnessjoni mal-fornitura u x-xoghlijiet *de quo*; u dan kif ser jigi muri fit-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata ghal xi xoghlijiet rimedjali lanqas ma s-socjeta' konvenuta qatt obbilgat ruhha li twettaq xi xoghlijiet.

Salv eccezzjonijiet ulterjui kontra l-attur li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' u ra x-xhieda ta' Johann Said, Denise Mifsud, Anthony Buttigieg, Sonia Said u Steve Bugeja.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra:

It-Tribunal ra parti tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta fejn talbet illi l-provi fil-kawza fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 917/09MK u qieghda tinstema’ quddiem dan it-Tribunal ghandhom jinstemghu kontestwalment ma’ din il-kawza quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal ra li kien hemm qbil mill-attur dwar din il-parti tal-ewwel eccezzjoni u ghalhekk ordna li kemm din il-kawza kif ukoll il-kawza fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 917/09MK u li qieghda tinstema’ quddiemu ghandhom jinstemghu kontestwalment.

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ghal xoghlijiet rimedjali li ghandhom isiru mill-attur minhabba li s-socjeta’ konvenuta ma kienetx ezegwit l-inkarigu taghha skont l-istruzzjonijiet tal-attur. Illi l-allegati xoghlijiet rimedjali ha jigu jiswew lill-attur fis-somma ta’ tliet elef u tliet mitt ewro (€3300). Illi min naha tas-socjeta’ konvenuta qalet illi hija kienet ezegwiet ix-xoghlijiet taghha skont is-sengha u l-arti.

Illi mill-provi tas-socjeta’ konvenuta jirrizulta li skont Anthony Buttigieg li huwa r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, qal illi l-istallazzjoni saret fuq ordni tal-attur taht is-supervizzjoni tieghu. Illi din is-sistema giet installata mis-socjeta’ konvenuta fin-nofs tal-2007 u kienu twahhlu tlett tipi ta’ *security systems.* Jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet wahhlet sistema ta’ CCTV, *internal security system* u *video hall porter system*. Illi wara li kienu gew kompletati parti sostanzjali tax-xoghlijiet l-attur kien hallas depozitu ta’ hames mitt Lira Maltin (LM500) ta’ dak iz-zmien u cioe elf, mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69). Ftit wara dan il-hlas ix-xogholijiet gew kompletati u f’Settembru, 2007 s-socjeta’ konvenuta bghatet lill-attur il-fattura ghax-xoghlijiet. Intqal illi ghal habta tal-bidu tal-2008 l-attur avvicinah u talab illi jinbidlu xi *parts* fis-sistema li kienu nstallaw. Is-socjeta’ konvenuta ma kienetx marret tbiddel dawn il-*parts* ghaliex ippretendiet li l-ewwel tithallas ghax-xoghlijiet li kienet ghamlet. Ix-xhud qal illi l-ilment tal-attur ma kienx jiswa’ iktar minn tliet ewro (€3) *parts* sabiex jissewwa.

Skont Buttigieg li huwa r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta qal illi x-xoghlijiet kienu gew ezegwiti sewwa u qatt ma kellu lment min naha ta' Johann Said tul is-sentejn wara li gew installati x-xoghlijiet, hlief ghall-ilment dwar *infra red camera* wahda. Intqal illi t-tiswija ta' din il-*camera*, ma kienetx ser tiswa' iktar minn tliet ewro (€3) u ghal dan l-ammont l-attur zamm il-pagamenti ghax-xoghlijiet kollha li kienu sarulu mis-socjeta' konvenuta. Skont l-istess xhud ma jiftakarx jekk kienx hemm *hand over* u *commissioning* tas-sistema. Ikkonferma li twahhlu erba' settijiet ta' l-*intercom*, zewg *handsets* fil-*landing*, *hall porter* fil-kcina u fil-kamra tas-sodda li dawn ta' l-ahhar ukoll kellhom maghhom *monitor*. Spjega ukoll kif il-*video hall porter* kien tqieghed wara l-bieb peress illi barra mill-bieb kien hemm kancell mall-periferija tad-dar u kien issugerixxa li jittiehed is-sinjal mill-*camera* tas-CCTV. Spjega ukoll illi ghalkemm kienu nstallaw erba' *infra- red cameras*, setghu jigu nstallati biss tlett monitors ghal dawn il-*cameras*. Dawn il-*monitors* huma konnessi mall-*hall porter system* mis-CCTV *cameras* u b'hekk il-attur spicca bi tlett *images* u mhux b'erba'. Spjega ukoll kif jekk l-attur ried jara l-erba' *images* kellu ta' bil-fors jinstalla *monitor* separat sabiex juri dak li kien qieghed jigi trasmess mis-CCTV *cameras* kollha kif ukoll sabiex l-erba' immagini jkunu kollha rrekordjati. Izda l-attur kien qallu li ddecieda li ma jordnax dan il-*monitor* ghaliex seta' juza *skart system* li jista' ukoll jitwahhal mat-televixin. Illi dan il-*monitor* kien bzonnjuz jekk kemm-il darba l-attur ikun irrid jirrekordja l-*images*. Illi skont Buttigieg, ix-xoghlijiet gew maghmula fuq ordni tal-attur. Illi kif giet imwahhla s-sistema l-attur, kellu biss il-fakolta li jara direttament mis-CCTV *camera* fuq tlett *monitors* li kienu mall-*video hall porter* li kien twahhal mall-bieb ta' barra, il-kamra tas-sodda u l-kcina. Qal ukoll illi huwa qatt ma kien sema' b'xi lmenti min naha tal-attur hlief quddiem dan it-Tribunal u hlief ghal *diode* fl-*infra red camera* li kienet tiswa' €3. Buttigieg spjega lit-Tribunal kif is-sistema li kienet twahhlet fir-residenza tal-attur kienet twahhlet ghas-sodisfazzjon tieghu. Illi dwar l-ilment min naha tal-attur li l-*hall-porter* kien ha jiftah il-kancell biss, qal illi l-attur kien accetta li jsir hekk ghaliex kien jaf il-limitazzjonijiet tas-sistema. Spjega ukoll illi dwar is-sistema ta' tlett *cameras* u mhux erba' li dwarhom kien

qieghed jilmenta llum l-attur, stqarr illi Said qatt ma kien semmielu xejn, kemm meta tlestew ix-xoghlijiet kif ukoll immedjatament wara.

Illi mill-provi tas-socjeta' konvenuta rrizulta li l-ammont mitlub fit-talba sallum ghadu dovut u l-attur dejjem kien qal illi ser ihallas.

Mill-provi tal-attur jirrizulta li huwa kien hallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) ta' dak iz-zmien u cioe' elf, mija u erbgha u sttin ewro u disgha u sttin centezmu (€1164.69) (Dok JS1 a fol. 16) fid- 9 ta' April, 2007. L-attur ikkonferma il-fattura ezebita a fol 25 fis-somma ta' elfejn tmien mija tnejn u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,852.44) izda qal illi din is-sistema ma kienetx qed tiffunzjona skont kif ftiehmu l-partijiet. Qal ukoll illi huwa qatt ma kien ircieva l-fatturi u/jew *statements* li gew ezebiti in atti u dejjem ippretenda li Tony Buttigieg kien ser jikkompleta x-xoghlijiet li ma kienx spicca fir-residenza tieghu qabel ma jhallas. L-attur ikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet installat sistema ta' *alarm*, erba' *cameras* u *intercom*. Dejjem skont l-attur, huwa ried *infra red cameras* ghal sorvejlanza bil-lejl u spjega kif fil-fatt dawn il-*cameras* ma juru xejn fid-dlam. Qal ukoll illi ma fehemx ghaliex Buttigieg kien wahhal erba' *cameras* meta kien hemm tlett *monitors* biss fil-*video hall porter*. Meta kien staqsa lil haddiema teknici li kienu qieghdin iwahhlu dan ix-xoghol, spjegawlu illi ma kienux jezistu *intercoms* b'iktar minn tlett *cameras*. Ilment iehor min naha tal-attur kien illi l-*intercom* kien jiftah biss il-kancell u mhux il-bieb ta' barra. L-attur kompla jghid illi sabiex huwa jirrimedja s-sistema w jgibha tiffunzjona kif kien miftiehem bejniethom ghandu jgib l-erba' *cameras* jahdmu u jinsisti li jkun jista' jiftah il-kancell kif ukoll il-bieb ta' barra mill-kamra tas-sodda u l-kcina. Ghal dawn ix-xoghlijiet huwa kellu jghaddi *rewiring* gdid f'certi postijiet. Spjega ukoll ir-raguni ghaliex kien beda proceduri kontra s-socjeta' konvenuta ghax-xoghlijiet rimedjali 'l fuq minn sena wara li s-socjeta' konvenuta kienet fethet il-kawza kontra tieghu ghal hlas tax-xoghlijiet li kienet ghamlet. Qal illi minkejja li huwa dejjem issokta jilmenta mas-socjeta' konvenuta dwar dawn in-nuqqasijiet, is-socjeta' konvenuta

qatt ma avvicinatu sabiex tirrimedja dawn id-difetti. Qal illi huwa kien jilmenta mas-socjeta' konvenuta dejjem fuq it-telefon izda qatt ma baghat xejn bil-miktub. Spjega kif huwa ma kienx ried ihallas il-fattura mibghuta mis-socjeta' konvenuta ghaliex dehrlu li x-xoghlijiet ma kienux saru skont is-sengha u l-arti. Rigward is-sistema ta' l-*alarm* spjega kif sal-lum din is-sistema ma tahdimx ghaliex s-socjeta' konvenuta qatt ma tatu il-kodici tas-sistema ta' l-*alarm* u ghaldaqstant ilu tlett snin ma jaghmel uzu minn dan l-*alarm*. Spjega ukoll kif ghalkemm ghandu sistema ta' CCTV ma jafx jekk din is-sistema hijiex kapaci tirrekordja ghaliex hadd min naha tas-socjeta' konvenuta ma kien mar ghandu, jigifieri ghand il-attur, sabiex jigu kummissjonati x-xoghlijiet li kienu gew installati minnha u ghalhekk m'huwiex f'pozizzjoni jghid jekk jirrekordjawx jew le. Qal ukoll illi huwa kien segwa x-xoghlijiet waqt it-twahhil ta' din is-sistema ghaliex kien jinsab fil-fond. Qal ukoll illi huwa kien talab lis-socjeta' konvenuta sistema ta' *hall porter* jew *intercom* flimkien ma' erba' CCTV *cameras* u riedhom illi dawn jithaddmu kollha flimkien.

Xehdet mart il-attur fejn ikkonfermat il-lokazzjonijet tas-sistemi li gew installati f'darha. Spjegat kif ghalkemm hemm *camera* quddiem il-bieb ta' barra huma ma jistghux jaraw minn hemm. Spjegat ukoll kif hija ma kienetx sodisfatta mis-sistema ta' sorveljanza li kienet giet installata u stqarret illi ma' nzul ix-xemx huma ma jaraw xejn minn dawn il-*cameras*. Spjegat kif permezz tal-*intercom* jinfetah biss il-kancell u mhux il-bieb ta' barra. Rigward l-istess bieb ta' barra spjegat illi dan jinfetah manwalment fil-post u mhux bl-*intercom*. Qalet ukoll illi s-sistema tal- *video hall porter* hija difettuza ghaliex xi drabi turi *glitches* fuq l-*iscreen*. Dwar is-sistema tal-*burglar alarm* qalet illi ghalkemm l-*alarm* huwa installat ma tifhimx fih u ma tafx meta jkun xeghlu jew le, zewgha. In kontro-ezami xehdet illi l-*alarm system* gieli ghamlu uzu minnu. Ikkonfermat ukoll illi hija ma kienetx prezenti meta zewgha kien ftiehem mas-socjeta' konvenuta dwar x'kellu jigi installat fir-residenza taghhom.

Sema' lil Steve Bugeja il-bniedem tekniku li l-attur kien qabbad jippreparalu l-infrastruttura u *wiring* ghas-sistemi

elettrici f'daru. Dan ix-xhud spjega kif il-*cameras* li gew installati ma kienux cari bizzejjed u ddeskriva kif bniedem minn barra mhux facilment jingharaf mill- *monitors* tal-*video hall porter* u fid-dlam il- *cameras* ma juru xejn. Ikkonferma li kienu twahhlu tlett *cameras* li jahdmu minn fuq l-*intercom*. Ikkonferma ukoll illi l-bieb tad-dar ma kienx jinfetah mill-*intercom*. Spjega kif l-*intercom* kien jiftah biss il-kancell ta' barra. Huwa kien ikkonstata ukoll difett fl-*intercom* ghaliex l-*iscreen* kien jinfetah biss jekk il-buttuna tinghafas ghal darbtejn. Wara li spezzjona dawn ix-xoghlijiet huwa kien ta' parir lill-attur illi x-xoghlijiet rimedjali kien ser jiswewlu bejn tliet elef ewro (€3000) u tliet elef u hames mitt ewro (€3500) sabiex is-sistema ta' sorveljanza u *intercom* tithaddem kif xtaq il-attur. In kontro- ezami xehed illi huwa jaf lil Anthony Buttigieg sewwa ghaliex gieli hadem mieghu u gieli wkoll jixtri xoghol minghandu. Ix-xhud qal illi huwa *technician* u ghandu certifikat tal-HTD. Jahdem ukoll bhala *electrician* u huwa kompetenti jinstalla CCTV *cameras*. Spjega kif huwa kien prezenti meta kien qieghed isir il-fethim ghax-xoghlijiet bejn il-partijiet ghaliex il-ftehim kien sar fil-fond ta' Said waqt illi huwa kien qieghed jghaddi x-xoghol ta' l-elettriku fl-istess fond. Spjega ukoll kif huwa kien lesta sistemi ta' *wiring* ghall-erba' *cameras* li setghu jintuzaw wehedhom jew m' apparat televiziv. Qal ukoll illi l-infrastruttura li huwa kien ipprepara kienet tippermetti li CCTV seta' jidher kemm fuq *video hall porter*, jew televixin jew fuq *monitor* jew *laptop*.

It-Tribunal ra d-Dok AB5 a fol. 5 li jirraprezenta s-servizz rez mis-socjeta' konvenuta. Illi skont dan id-dokument datat l-14 ta' April, 2007 is-socjeta' konvenuta kienet installat DVR 4 Channel, Power Supply, Hard disk, erba' *infra red cameras*, zewg *joint boxes, trunking'* bil-qies ta' 25m x25mm u *hall porter unit*. Ra li fid-9 ta' April, 2007 gew imhallsa LM500 ta' dak iz-zmien u cioe' €1164.69 (Dok JS1 a fol.16). Ra li fil-5 ta' Settembru, 2007, is-socjeta' konvenuta kienet harrget fattura numru R974149 (Dok AB4 ezebita a fol. 24) ghax-xoghlijiet imsemmija fil-*job description form* a fol 25. Illi l-ammont tal-fattura ghax-xoghlijiet ezegwiti minnha fir-residenza tal-attur kienet fis-somma ta' LM1,224.51 u cioe' €2852.34 ta' dak iz-zmien.

Illi ma jirrizultax lit-Tribunal li kienu gew imnaqqsa LM500, depozitu mhallas mill-attur fid-9 ta' April, 2007 u ma jidhirlux lit-Tribunal illi kien hemm ebda kontestazzjoni dwar dak il-hlas minn naha tas-socjeta' konvenuta. Dak li izda rrizulta mid-dokumenti ezebiti in atti mis-socjeta' konvenuta li fid-9 ta' April, 2007 huwa li kien sar *part payment* mill-attur fis-somma ta' €64.69.

Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi normalment sistema ta' sorveljanza u ta' *intercom* bhal dik installata fir-residenza tal-attur tkun ipprezentata lill-kijent bi pjanta u *diagrams* tas-sistema kollha. It-Tribunal huwa ukoll tal-fehma li s-socjeta' konvenuta kellha, malli ikkompletat l-istallazzjoni tas-sistema, taghmel *function test* u taghti *a proper hand over* billi tikkummissjona x-xoghlijet. Irrizulta lit-Tribunal illi dan ma sarx. Illi mill-provi tas-socjeta konvenuta irrizultaw biss stampi ta' sistemi li gew installati li gew pprezentati mis-socjeta' konvenuta in atti. Illi t-Tribunal jidhirlu ukoll li meta l-attur hallas depozitu ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni ghal x'hiex kien qieghed ihallas izda rrizulta li dan l-ammont kien gie mhallas bhala *part payment* tax-xoghlijiet li kienu ha jsiru. Izda minkejja dan, is-socjeta' konvenuta kienet nizzlet ammont ferm inqas bhala *part payment*.

It-Tribunal m'ghandux dubju li l-attur kien taht l-impressjoni li x-xoghlijiet li kienet ghamlet is-socjeta' konvenuta kienu gew pacuti b'xoghol iehor ta' bejniethom u ghaldaqstant kien dehrlu li ma kellux ghalfejn jhallas. Min naha tas-socjeta' konvenuta l-fatt illi kienet damet hames xhur sabiex tibghat il-kont huwa indikattiv illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim iehor. Izda gara li f'Settembru, 2007 is-socjeta' konvenuta bghatet il-fattura kif ukoll *statements* lill-attur li huwa qal li qatt ma kien ircieva.

It-Tribunal quddiemu ghandu talba ghal-hlas ta' xoghlijiet rimedjali li ser jinkorri l-attur sabex ix-xoghlijiet li kienu gew mitluba mis-socjeta' konvenuta jkunu rimedjati ghas-sodifazzjoni tieghu. Illi din il-kawza giet intavolata sentejn wara li saru x-xoghlijiet u sena wara li s-socjeta' konvenuta kienet bdiet proceduri kontra l-attur f'kawza

ohra sabiex tithallas ta' xogholha, liema kawza instemghet quddiem dan it-Tribunal kif ippresjedut.

It-Tribunal ra li l-istess attur qatt ma gharraf bil-miktub lis-socjeta' konvenuta, bl-ilmenti tieghu u kif kien ha jipprocedi kontra s-socjeta' konvenuta jekk kemm-il darba x-xoghlijiet rimedjali ma kienux ser isiru mis-socjeta' konvenuta.

Illi n-nuqqas serju tas-socjeta' konvenuta huwa li qatt ma harget pjanta ta' kif kien ha jsir ix-xoghol bl-approvazzjonni mill-klijent. Illi nuqqas serju ukoll kien illi s-socjeta' konvenuta ma tatx *hand over* tas-sistema u lanqas ma ghamlet *function test* u kkummissjonat is-sistema li hija kienet responsabbli ghaliha w t-Tribunal ghandu jiehu dan il-fatt in kunsiderazzjoni. Illi lit-Tribunal jidhirlu li dawn in-nuqqasijiet jirriflettu hazin fuq iz-zewg partijiet.

Illi lit-Tribunal ma jidhirlux illi ix-xoghol gie kkompletat sewwa mis-socjeta' konvenuta u sabiex ix-xoghol ikun kompletat kif suppost l-attur bil-fors ha jidhol fi spejjez ikbar izda dawn l-ispejjez m'ghandhomx ikunu attribwiti lis-socjeta' konvenuta. Illi s-socjeta' konvenuta kellha taghmel il- *commissioning testing* u b'hekk is-socjeta' konvenuta kien ikollha l-konferma li x-xoghlijiet ezegwiti minnha kienu skont kif tirrikjedi s-sengha, izda dan ma ghamlitux.

Illi l-pern ta' din il-kawza huwa jekk s-socjeta' konvenuta hijiex responsabbli ta' xi nuqqasijiet fis-sistema installata minnha tant illi din is-sistema kif rikjesta mill-attur ma tahdimx kif xtaq huwa. Illi rrizulta car illi ma kienx hemm stima tax-xoghlijiet u l-approvazzjoni taghha kif ukoll ma kienx hemm pjanta ta' kif kienu ha jkunu x-xoghlijiet. Illi x-xhud principali tal-attur u cioe' Steve Bugjea, kien ta stima ta' bejn tliet elef ewro (€3000) u tliet elef u hames mitt ewo (€3500) ghax-xoghlijiet rimedjali izda ma gabx prospett jew stima tax-xoghlijiet li ghandhom jigu nkorsi mil-attur.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi mill-provi irrizulta car u inekwivoku li bejn il-partijiet kien hemm fiducja reciproka

bbazata fuq hbiberija ta' xoghol li ntemmet meta s-socjeta' konvenuta insistiet li tithallas ta' xoghlha u meta l-attur haseb li ma kellu jhallas xejn. Illi huwa minnu li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghal certi nuqqasijiet izda t-Tribunal ha hsieb illi l-attur ikun ikkumpensat ghal tali nuqqas fil-kawza numru 917/09MK fl-ismijiet inversi u li m'ghanmdhomx jergghu jitqiesu f'din il-kawza.

Illi din it-talba f'din il-kawza hija ghal tliet elef u tliet mitt ewro (€3300) li l-attur qieghed jippretendi mis-socjeta' konvenuta sabiex jkollu s-sistema li huwa xtaq. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur kien prezenti waqt illi l-installazzjoni kienet qieghda ssir izda jista' jkun li ma fehmx kif kienet ha tinhadem bi precizjoni din is-sistema. Illi t-Tribunal jidhirlu li x-xoghlijiet rimedjali mitluba mill-attur fuq il-parir ta' Steve Bugeja ma gewx ippruvati. It-Tribunal ra li Steve Bugeja elenka l-ilmenti u d-deskrepanzi li kien ra izda ma tax rendikont ta' l-ispejjez u l-involviment tax-xoghlijiet u kif wasal ghac-cifra ta' bejn €3000 u €3500 sabiex isiru x-xoghlijiet rimedjali. Illi ghalkemm qal illi huwa kien prezenti waqt illi l-partijiet kienu qieghdin jiftiehmu dan ma jifissirx illi Steve Bugeja kien a konoxxenza tad-dettalji kollha.

It-Tribunal in konkluzjoni huwa konvint illi c-cifra msemmija minn Steve Bugeja m'hijiex stima bbazata fuq studju tekniku maghmul minnu izda pjuttost bbazata fuq l-ammont mitluba mis-socjeta' konvenuta fil-kawza bl-istess mertu fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 917/09MK, li t-Tribunal ddecieda dwarha wara li evalwa x-xhieda kolha.

It-Tribunal ikkunsidra ukoll illi l-attur qatt ma nterpella lis-socjeta' konvenuta sabiex tersaq ghall-hlas tax-xoghlijiet rimedjali.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------